

Il-Ħamis 30 ta' Jannar 2020

P9\_TA(2020)0021

## Ħatra ta' membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-proposta għall-ħatra ta' membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (N9-0005/2020[2] – C9-0010/2020 – 2020/0903(NLE))

(Approvazzjoni)

(2021/C 331/06)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Jannar 2020 għall-ħatra ta' Jesús Saurina bħala Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (C9-0010/2020),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-konflitti ta' interess wara l-impjeg fis-servizz pubbliku <sup>(3)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 131 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0011/2020),
- A. billi l-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 jipprevedi li l-membri tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 43(1) ta' dak ir-Regolament għandhom jinħatru abbażi tal-mertu, il-ħiliet, l-għarfien dwar kwistjonijiet bankarji u finanzjarji u tal-esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni finanzjarja, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-banek;
- B. billi l-Parlament jiddeplora l-fatt li l-kandidati kollha kienu rġiel, minkejja l-obbligi skont l-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 u d-diversi talbiet magħmula mill-Parlament biex ikun rispettata il-bilanċ bejn is-sessi meta tiġi ppreżentata lista ta' kandidati; billi l-Parlament jiddispjaċih li n-nisa għadhom sottorappreżentati fil-karigi eżekuttivi fil-qasam tas-servizzi bankarji u finanzjarji u jesiġi li jiġi rispettata il-bilanċ bejn is-sessi għan-nomina li jmiss; billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE u daww nazzjonali għandhom jimplementaw miżuri konkreti biex jiżguraw il-bilanċ bejn is-sessi;
- C. billi skont l-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, fit-13 ta' Novembru 2019 il-Kummissjoni adottat lista mqassra ta' kandidati għall-kariga ta' Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 43(1) ta' dak ir-Regolament;
- D. billi, bi qbil mal-Artikolu 56(6) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, il-lista mqassra ntbagħtet lill-Parlament mill-Kummissjoni;
- E. billi fl-14 ta' Jannar 2020 il-Kummissjoni adottat proposta biex taħtar lil Jesús Saurina bħala Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni u Direttur għall-“Ippjanar u d-Deċiżjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet” fil-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, u għaddiet dik il-proposta lill-Parlament;

<sup>(1)</sup> ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1.

<sup>(2)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2019)0211.

<sup>(3)</sup> Testi adottati, P9\_TA(2020)0017.

**Il-Ħamis 30 ta' Jannar 2020**

- F. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji mbagħad ipproċeda bl-evalwazzjoni tal-kredenzjali tal-kandidat propost għall-funzjonijiet ta' Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 56(4) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014;
- G. billi fit-22 ta' Jannar 2020 il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji kellu seduta ta' smiġħ ma' Jesús Saurina, li fiha hu għamel dikjarazzjoni preliminari u mbagħad wieġeb għal mistoqsijiet li saru mill-membri tal-kumitat;
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra ta' Jesús Saurina bħala Membru tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għal perjodu ta' ħames snin;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.
-